# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT
## Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur (EU Law)

**Seduta tat-2 ta' Ottubru 2001**

Citazzjoni numru 33/00

APS Bank Limited (Fergha ta' Ghawdex)

-vs-

Muscat Marine Limited, Mario Muscat, Edwin Muscat, Peter u Valerie konjugi Muscat

Il-Qorti;

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta' attrici li jaqra:

"illi permezz ta' kuntratt ta' l-ewwel (1) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo l-Bank attur ikkonceda b'self lill-kumpanija Muscat Marine Limited is-somma ghoxrin elf lira Maltija (Lm20,000) bil-pattijiet u kundizzjonijiet hemm miftehma (Dok A);

illi permezz ta' zewg kuntratti ohra fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo wiehed ta' l-erbgha u ghoxrin ta' Frar ta' l-elf disa' mija u sitta u disghin (1996) u l-iehor tas-sebgha (7) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u sitta u disghin (1996) giet modifikata l-garanzija ipotekarja miftehma fuq il-koncessjoni originali (Dok B u C);

illi permezz ta' kuntratt iehor tas-sittax (16) ta' Lulju ta' l-elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani s-socjeta' attrici kkoncediet b'self lill-kumpanija Muscat Marine Limited is-somma ta' hamsin elf disa' mija u sebgha u disghin lira Maltija (Lm50,997) bil-pattijiet u kundizzjonijiet hemm miftehma (Dok D);

illi l-facilitajiet bankarji fuq imsemmija gew garantiti mill-konvenuti Mario Muscat, Edwin Muscat u Peter u Valerie konjugi Muscat solidalment flimkien mal-kumpanija konventua.

Illi l-konvenuti, minkejja bosta tentattivi da parti tal-Bank attur, naqsu li jharsu l-kundizzjonijiet li tahthom il-facilitajiet fuq imsemmija gew koncessi u partikolarment naqsu li jirrestitwixxu l-flus lilhom mghoddija.

Illi ghadha dovuta lill-bank attur is-somma ta' tmienja u erbghin elf mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmi (Lm48,126.52) kompriz f'din is-somma l-imghax sad-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u disgh u disghin (1999) (Dok E);

Illi fil-fehma tal-Bank attur dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet validi x'iqanqlu u ghalhekk din il-Qorti tista' tipprocedi ghas-sentenza ai termini ta' l-artikolu mija u sebgh u sittin (167) tal-Kap tnax (12) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bid-dispensa tas-smiegh.

Talbet li din il-Qorti:

1. taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu mija u sebgha u sittin (167) tal-Kap tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Tiddikjara lill-konvenuti solidalment bejniethom debituri fil-konfront ta' l-APS Bank Limited fis-somma ta' tmienja u erbghin elf mija u sitta u ghoxrin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmi (Lm48,126.52) dovuta kif fuq spjegat u tikkundannahom ihalsu l-istess.
3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihalsu ukoll l-imghax ulterjuri bir-rati applikabbli mid-data imsemmija tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Dicembru ta' l-elf disa' mija u disgha u disghin (1999) sad-data tal-hlas relattiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali spedita f'April 1999 u l-ittra ufficjali mibghuta f'Jannar 2000 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentati fl-istess ismijiet.

Il-konvenuti imharka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu ngunti.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici debitament mahlufa u l-lista tax-xhieda annessa flimkien mad-dokumenti.

Rat id-digriet u l-verbali tal-24 ta' Frar 2000, tas-16 ta' Marzu 2000, tat-12 ta' Dicembru 2000 u tas-16 ta' Frar 2001.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha fejn eccepew:

1. illi dina l-azzjoni hija ntempestiva peress li l-ammont pretiz ghadu mhux dovut mill-konvenuti skond ma jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi mhux tassew li l-konvenuti kisru l-kundizzjonijiet tas-self u ghalhekk m'ghandhomx jigu kkundananti a tenur tat-talbiet attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:

Ix-xhieda bl-affidavit u d-dokumenti sottomessi mis-socjeta' attrici juru b'mod ineccepibbli li hija kienet ikkoncediet b'titolu ta' self lis-socjeta' konvenuta zewg ammonti separati u distinti permezz ta' zewg kuntratti, id-dok A folio 6 et seq u d-dok D folio 14 et seq. L-ewwel imsemmi kuntratt, li jgib id-data ta' l-1 ta' Dicembru 1994, sussegwentement aggornat in kwantu ghall-garanziji ipotekari (skond id-dok B folio 9 u d-dok C folio 11), jirreferi ghall-ammont ta' self ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000). Skond il-prospett tal-kont esebit a folio 23 sa 25 l-ammont intier gie prelevat fid-data tal-kuntratt u l-ammont dovut fil-5 ta' Jannar 2000 baqa' fis-somma originarjament mislufa. Li huwa rilevanti pero' ghall-fini tal-kawza in dizamine hu li l-konvenuti Peter u martu Valerie Muscat imkien ma jirrizultaw garanti ghal dan is-self, la mill-kuntratt originali u lanqas mill-aggornamenti tieghu. Mhux hekk ukoll f'dak li ghandu x'jaqsam mas-self ikkontrattat permezz tal-kuntratt tas-16 ta' Lulju 1997 (Dok D) fejn il-konjugi Peter u Valerie muscat dehru bhala garanti solidali ma' terzi ghar-restituzzjoni ta' l-ammont ta' hamsin elf disa' mija u sebgha u disghin lira Maltin (LM50,997) ai termini ta' dan il-kuntratt. Il-prospett tal-kont rigwardanti dan is-self hu esebit folio 28 u 29. Jirrizulta mill-istess li l-ammont prelevat kien ta' tnejn u ghoxrin elf seba' mija u ghoxrin lira Maltin u disa' centezmi (Lm22,720.09) in aggunta ma' somma ohra ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm261.68) b'dan li fil-5 ta' Jannar tas-sena 2000 l-ammont dovut kien ta' wiehed u ghoxrin elf tmien mija u hmistax-il lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm21,815.46).

Illi s-socjeta' attrici in sostenn ta' l-ammont rimanenti, li jwassal ghac-cifra imsemmija fic-citazzjoni, esebiet il-prospetti folio 20, 21 u 22 intestati "Current A/c" riferibbli ghall-kontijiet bankarji differenti, u esebit ukoll folio 26 u 27 il-prospett intestat "Loan A/c". l-ebda prova ma giet prodotta mis-socjeta' attrici li talloccja dawn il-kontijiet mal-kontijiet fuq riferiti u riferibbli ghac-citati kuntratti. Fi kliem iehor dak li l-Qorti qeghdha tghidu li ghall-ammonti li jidhru fil-kontijiet ta' hawn fuq id-debitur hija s-socjeta' Muscat Marine Limited u hadd aktar. Ma rrizulta minn imkien iehor fl-atti li l-ammont aggregat u naxxenti minn dawn il-

kontjiet gie garantit, solidalment jew mod iehor minn terzi, senjatament il-konvenuti l-ohra.

Ghalhekk tiddeciedi l-kawza billi:

1. tiddikjara s-socjeta' Muscat Marine Limited debitrici ta' l-attur fis-somma ta' tmienja u erbghin elf mija u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm48,162.52) bl-imghax kif mitlub fit-tielet talba;

2. tiddikjara l-konvenuti Peter u Valerie konjugi Muscat debituri ta' l-attur in solidum mas-socjeta' Muscat Marine Limited kwantu ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf tmien mija u hmistax-il lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm21,815.46) formanti pari l-ammont fuq citat ta' tmienja u erbghin elf mija u tnejn u sittin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm48,162.52) bl-imghax kif mitlub fit-tielet talba;

3. tikkundanna l-konvenuti jhalsu lill-attur l-ammont skond hawn fuq u solidalment bejniethom sa fejn applikabbli kif spejgat.

Bl-ispejjez mitluba kontra s-socjeta' u l-konvenuti li minnhom il-konvenuti Peter u Valerie Muscat ghandhom ibatu in-nofs.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur